MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 653/1998/1

**Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**vs**

1. **L-Avukat Generali**
2. **Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex**
3. **L-Onorevoli Prim Ministru**
4. **Chairperson Xlendi Action Committee**
5. **Direttur Generali Works Division**
6. **Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar**
7. **Kummissarju tal-Pulizija**
8. **Lawrence Apap K/A Lorry**
9. **Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Domenico Savio sive Savio Spiteri ("l-appellant") kien jiggestixxi *bar* u *restaurant* fix-Xlendi bl-isem ta' "*Gourmet Bar and Restaurant*". L-appellant kien talab u ottjena permess ta' *encroachment* mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fis-sens li nghata l-permess biex johrog u jqieghed imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment tieghu. ezattament f'*area* determinata fi triq pubblika. Dan id-dipartiment ma tax lill-appellant il-permess biex fuq din l-art pubblika jibni pjattaforma li fil-fatt jirrizulta li xorta wahda nbniet aktar tard.

2. F'Gunju ta' l-1995, l-appellant sar jaf li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet bi hsiebha taqla' din il-pjattaforma u ghalhekk huwa ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni. Waqt is-smigh tar-rikors, ezattament fil-25 ta' Lulju 1995, gie verbalizzat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u mill-Kummissarju tal-Pulizija ftehim li, fi ftit kliem, kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Awtorita` ta' l-Ippjanar intrabbtu li ma jmissux il-*platform* in kwistjoni sakemm jintemmu l-proceduri penali istitwiti mill-pulizija kontra l-appellant Spiteri li kienu b'xi mod jirrigwardaw din l-istess pjattaforma.

3. Fis-16 ta' Mejju 1998, fuq inizzjattiva tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, ix-Xlendi *Action Committee* nehha l-imsemmija pjattaforma. Dakinhar kien ghad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, erba' (4) kawzi kriminali li b'xi mod kienu jirrigwardaw l-imsemmija pjattaforma.

4. Bir-rikors promotur ta' l-appellant prezentat quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fid-19 ta' Mejju 1998, l-appellant allega li bit-tnehhija tal-pjattaforma in kwistjoni kienu gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, *cioe`* d-dritt ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza, kif ukoll id-dritt tas-smigh xieraq quddiem Tribunal jew Qorti imparzjali u indipendenti. U dan bi ksur ta' l-Artikolu 39(5) tal-

Kostituzzjoni kif ukoll ta' l-Artikolu 6(2) tal-Kovenzjoni Ewropea.

5. L-intimati opponew din l-allegazzjoni ta' l-appellant b'diversi eccezzjonijiet li taw separatament. Fit-23 ta' Jannar 2001, l-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha li biha illiberat lill-intimati Avukat Generali u Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward ta' l-intimati l-ohra kollha kif ukoll ordnat li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent appellant. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta hawnhekk fl-intier taghha billi fiha hemm riprodott ir-rikors promotur, ir-risposti ta' l-intimati, il-fatti saljenti tal-kaz kif ukoll il-motivazzjoni dettaljata tal-Qorti li inducietha tasal ghall-konkluzjoni fuq imsemmija:
"Il-Qorti:

Rat ir-rikors presentat minn Domenico Savio *sive* Savio Spiteri fid-19 ta' Mejju, 1998 li permezz tieghu, wara li ippremetta:

1. Illi hu gie mressaq quddiem il-Qrati tal-Magistrati ta' Ghawdex talli ghamel xoghol ta' bini mhux skond il-permess u *cioe`* talli ghamel *platform* tal-konkos quddiem il-Gourmet Bar & Restaurant li jinsab fi Triq Rabat, Xlendi, Ghawdex minghajr il-permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll talli ghamel platform tal-konkos miksija bil-madum minghajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti;

2. Illi dawn il-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qrati taghna;

3. Illi haddiema tal-Works Division b'abbuz ta' poter u agir illegali gew imqabbda mix-Xlendi Action Committee, Lawrence Apap, is-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex u l-Awtorita` ta' L-Ippjanar sabiex inehhu l-platform tal-konkos quddiem il-Gourmet Bar & Restaurant fi Triq Rabat, Xlendi, Ghawdex liema xogholijiet twettqu bl-assistenza tal-Korp tal-Pulizija u membri tal-Forzi Armati nhar is-Sibt 16 ta' Mejju, 1998 u dan minkejja l-verbal tal-25 ta' Lulju, 1995 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 454/95 fl-ismijiet Domenico Savio Spiteri *nomine* kontra

Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar kif intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri;

4. Illi dan l-agir tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, tax-Xlendi Action Committee, tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, l-Awtorita` tal-Ippjanar, il-Korp tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta' Malta minghajr ma stennew l-ezitu tal-kawzi u proceduri fuq imsemmija, ipprivaw lir-rikorrent u kisru d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti garantiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-ewwel Protokol *(sic!)* tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u *cioe`* li jipprotegu il-prezunzjoni ta' l-innocenza u d-dritt ta' smigh quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti;

Premess dan kollu r-rikorrent talab li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-intimati bl-agir taghhom kisru l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, u effettivament kisru l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u (2) taghti dawk il-provvedimenti u r-rimedji necessarji u opportuni;

Rat ir-risposti ta' Lawrence Apap, ta' l-Onorevoli Prim Ministru, ta' l-Avukat Generali, tad-Direttur Generali Works Division, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li kollha wiegbu (b'noti separati) hekk:

"Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet vantati fir-rikors fl-ismijiet premessi.

"Illi r-rikorrent m'ghandu ebda dritt proprjetarju fuq l-art pubblika fejn saru x-xogholijiet li minnhom qed jilmenta u l-fatt illi jezistu proceduri ohra kontra r-rikorrent talli bena fuq dik l-art illegalment u bla permess ma jiddenudax bil-proprjetarju proprju *(sic!)*, dik l-art mid-dritt li juzaha u jaghmel xogholijiet fiha.

"Illi t-talbiet vantati mir-rikorrent ma jqajjmu ebda kwistjoni li tista' tincidi fuq id-dritt ghas-smigh xieraq u hija fil-fehma ta' l-esponent frivola u vessatorja.";

Rat ir-risposta tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex li wiegeb kif hawn fuq bhall-intimiati appena msemmija,

bid-differenza li ma eccepiex li mhuwiex il-legittimu kontradittur;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar li tghid hekk:

"Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fil-25 ta' Lulju, 1995 fl-atti tal-Mandat 454/1995PC kienet ghamlet dikjarazzjoni skond il-verbal hawn annessi mmarkati Dokumenti TD1 u TD2;

"Illi din l-istess dikjarazzjoni kienet qed tirreferi ghal dak li kien ghadu ma tnehhiex dakinhar, *cioe`* fil-25 ta' Lulju, 1995 u cioe` il-*platform tal-concrete* li ghalkemm kienet imqeghda illegalment fi triq pubblika u minghajr permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, limitatament ghal din l-istess *platform* kienu ghadhom ghaddejjin proceduri legali;

"Illi l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar dejjem zammet ma' din id-dikjarazzjoni u hi sal-lum la esegwiet it-tnehhija ta' l-istess platform u lanqas ma talbet l-ghajnuna tal-Pulizija, tal-Forzi Armati u tad-Direttur tax-Xogholijiet biex inehhu l-istess platform;

"Illi li gara fis-16 ta' Mejju, 1998 u li hi a konjizzjoni ta' l-Awtorita` kien is-segwenti:

"Illi dak in-nhar li kien is-Sibt cempel is-Surgent Mizzi ghal xi l-11.00 ta' filghodu lil Mark Cini, is-senior enforcement officer ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar f'Ghawdex u infurmah li kien cempillu l-avukat ta' Savio Spiteri biex jinfurmah illi kien hemm xi hadd qed inehhi l-platform u li kien hemm xi qorti fuq din il-platform. Is-surgent stqasieh jekk kienx hemm xi qorti rigwardanti din il-platform u Mark Cini irrispondieh iva pero` ma kienx jaf fuq it-tnehhija tal-platform. Is-surgent infurmah li kien sejjer fuq il-post biex jara min kien qed inehhi din il-platform. Is-senior enforcement officer Mark Cini cempel Malta lill-Manager tal-Enforcement Unit ta' l-Awtorita` John Agius u infurmah b'dan kollu u l-Manager nfurmah biex immedjatament imur fuq il-post biex jara min kien qed jaqla' dan il-platform;
"Illi meta Mark Cini wasal f'nofsinhar, il-*platform* kienet diga` mnehhija u ma sab ebda nies jahdmu pero` minn informazzjoni li gab minn nies tal-hwienet u tal-post

hemmhekk, dawn infurmawh illi l-platform inqalghet fit-8.30 ta' filghodu. L-istess senior enforcement officer mar l-ghassa u kellem lill-kuntistabbli ta' l-ghassa li kien hemm u dan infurmah illi l-platform inqalghet mill-Action Committee tax-Xlendi. L-istess senior enforcement officer ukoll ipprova jcempel lil Laurie Apap li hu l-foreman tal-Public Works li solitament hu l-foreman ta' dik il-area biex jara jekk hu kienx involut fit-tnehhija tal-platform, u sahansitra hallielu risposta d-dar biex icempillu pero` ma kellu l-ebda twegiba jew messaggi lura;

“Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar la ghamlet xi twaqqiegh jew ordnat xi twaqqiegh jew tnehhija ta' din il-platform u din saret ad insaputa ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kmieni is-Sibt filghodu kif fuq dikjarat;

“Illi da parti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar in vista tas-suespost galadarba la ezegwiet it-tnehhija ta' l-istess platform u lanqas ma talbet l-ghajnuna tal-Pulizija, tal-Forzi Armati u tad-Direttur tax-Xogholijiet biex inehhu l-istess platform, l-istess Awtorita` ghandha tinhareg mill-osservanza tal-gudizzju;

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess Awtorita` intimata wara l-hrug ta' l-avviz tat-twettiq kienet parti fl-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li iddecidiet l-istess appell favur l-Awtorita` u minn tali decizjoni ma sar ebda appell mir-rikorrenti quddiem l-Qorti ta' l-Appell kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Ghaldaqstant l-istess talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.”;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi dina l-kawza fil-fatt hija ferm aktar semplici milli kemm ir-rikorrent kif ukoll xi whud mill-intimati qed jaghmluha, u effettivament din il-kawza ikkumplikat ruhha minhabba d-diversi xhieda li gew prodotti li hafna minnhom jirrepetu l-

istess haga bla ma jzidu xejn ta' sustanza jew li hu relevanti.

**Il-fatti.**

**1**. Il-fatti jistghu jigu riassunti hekk: ir-rikorrent kien ifforma kumpanija kummercjali bl-isem "Gourmet Bar & Restaurant" u tramite din il-kumpanija kien jiggestixxi l-lokal li kien igib l-istess isem, *cioe`* "Gourmet Bar & Restaurant". Dan l-istabbiliment jinsab fix-Xlendi. Ir-rikorrent kien talab u ottjena permess ta' "encroachment" mill-Lands Department fis-sens li seta' johrog u jqieghed imwejjed u siggijiet barra fit-triq pubblika quddiem l-imsemmi stabbiliment. In segwitu permezz ta' wiehed mid-diretturi – certu Patri Renato Valente – intalab il-permess tal-istess Lands Department sabiex tinbena *platform* quddiem dana l-istabbiliment biex b'hekk l-imwejjed u s-siggijiet ikunu maqtugha mit-triq. Dana l-permess qatt ma nghata mil-Lands Department. Fi kliem ix-xhud Patri Renato Valente:

"L-encroachment min-naha tal-Lands Department kien jikkonsisti f'permess li fuq bicca art pubblika li ahna konna inghatajna d-dimensjonijiet taghha inkunu nistghu naghmlu imwejjed u siggijiet tar-restaurant. Jigifieri permess mil-Lands Department hlief ghall-imwejjed u siggijiet ma kienx hemm aktar permessi, ma kienx hemm permess, per ezempju, kif qed jigi suggerit lili mill-Qorti, biex issir pjattaforma jew inkella xi forma ta' *canopy*. Permess minn naha tal-Lands biex fil-fatt tinbena l-*platform* u l-*canopy* qatt ma kien hemm." (fol. 176)(sottolinear tal-Qorti)."

Jidher li addirittura kien hemm ukoll oggezzjoni min-naha ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex issir il-*platform* in kwistjoni (ara d-dokument a fol. 141; kopja identika tieghu a fol. 153).

**2**. Minkejja dan, sa April ta' l-1995 kienet inbniet mhux biss il-*platform* in kwistjoni izda anke struttura fuqha ("canopy"). Mistoqsi aktar minn darba in kontro-ezami, ir-rikorrent wiegeb li ma kienx jaf jekk kellux permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jew tal-P.A.P.B. biex jaghmel il-*platform* in kwistjoni (fol. 106). Fi kliem l-Enforcement Manager ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, John Agius:

"Ghalhekk f'April, 1995 wara diversi tentattivi biex nippruvaw nipperswadu lil min kien ikkoncernat biex inehhi l-istruttura huwa, fil-fatt l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet interveniet u nehhiet l-istruttura li kien hemm. Irrid nispjega li kull ma nehhiet f'dik l-okkazzjoni l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet il-canopy li kien fuq il-platform. Il-platform, minhabba diversi ragunijiet, ma kienitx tnehhiet. Fost ir-ragunijiet kien hemm li fl-ewwel okkazzjoni ma kellniex il-makkinarju mehtieg. Imbghad wara li sussegwentement kienet ser tibda titnehha l-platform kien hemm ordni minn naha tal-Qorti biex il-platform ma nnehhuhiex." (fol. 181).

**3**. Proprjament ma jirrizultax li kien hemm "ordni" tal-Qorti biex il-*platform* ma titnehhiex. Dak li irrizulta mill-provi hu li fit-18 ta' Gunju, 1995 ir-rikorrent Spiteri sar jaf li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kien bi hsiebha taqla' l-platform, u ghalhekk hu ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Waqt is-smigh tar-rikors gew registrati, fil-25 ta' Lulju, 1995, is-segwenti verbali mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u mill-Kummissarju tal-Pulizija[1] (ara fol. 43):

"Dr. Tony Degaetano ghall-Awtorita` ta' l-Ippjanar jivverbalizza illi *stante* li l-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar informat lill-Awtorita` li dahal recentement appell mir-rikorrenti fuq il-meritu in kwistjoni skond il-ligi l-Awtorita` ser tieqaf mill-ezekuzzjoni ta' l-istess avviz sakemm tigi determinata finalment jew mill-Bord tal-Appelli jew mill-Qorti tal-Appell.

[1] Mhuwiex car mid-dokumenti esibiti jekk dawna – *cioe`* l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Kummissarju tal-Pulizija – kienux l-unici zewg intimati fil-proceduri ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

“L-istess proceduri ikunu ghadhom ghaddejja jekk l-istess rikorrenti jintavola kawza a bazi ta’ l-Artikolu 55 jew biex iwaqqa decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell fuq il-kwistjonijiet ta’ kostituzzjonalita` jew il-legalita` jew ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

“Dan il-verbal jirreferi kemm ghat-talba ta’ ghajnuna biex jezegwixxu t-twettiq lill-Pulizija, Forzi Armati u Direttur tax-Xogholijiet pero` mhux ghal xi azzjoni diretta tal-Kummissarju tal-Pulizija li dwarha ghandhom xi proceduri *ad hoc*.

“L-Ispettur Antonello Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija jiddikjara li l-Pulizija mhix ser tezegwixxi qabel ma jkun hemm decizjoni finali dwar proceduri pendenti intavolata minnu.”

Fi kliem iehor, kemm l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija intrabtu li ma jmissux il-*platform* in kwistjoni sakemm jintemmu l-proceduri imsemmija fl-istess verbal, inkluzi (ghal dak li jirrigwarda l-“undertaking” tal-Kummissarju tal-Pulizija) il-proceduri penali istitwiti mill-Pulizija kontra r-rikorrent Spiteri u li b’xi mod jirrigwardaw din l-istess *platform.* In vista ta’ dawn il-verbali il-Qorti cahdet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (ara d-dokument a fol. 44; ara wkoll fol. 105, l-ahhar linja). Jigi precizat li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent Spiteri hu li meta fis-16 ta’ Mejju, 1998 gara xi haga – kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem – kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali erba’ kawzi kriminali li b’xi mod kienu jirrigwardaw il-*platform* – ara l-kopja tad-diversi komparixxi, fol. 71 sa 74.

**4**. Minn Marzu tal-1997 beda jiffunzjona ix-“Xlendi and Marsalforn Action Committee”. Dana l-Kumitat twaqqaf bil-hsieb li jaghmel suggerimenti lill-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex dwar l-“up-grading” taz-zewg lokalitajiet turistici in kwistjoni. Fuq dan il-Kumitat kien hemm rappresentanti ta’ diversi dipartimenti u ministeri, is-sindki jew rappresentanti tas-sindki ta’ lokalitajiet interessati, kif ukoll rappresentanti tal-“business

community" tax-Xlendi u ta' Marsalforn. Kien jispetta ghas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex li, jekk jaqbel mad-decizjonijiet *ossia* suggerimenti tal-Kumitat, jordna l-attwazzjoni taghhom. Fost id-decizzjonijiet li ttiehdu mill-Kumitat, u li qabel maghhom is-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, kien hemm dik li jigu irrangati l-bankini kollha tax-Xlendi. Mid-diversi depozizzjonijiet mhuwiex car jekk qattx giet diskussa, waqt il-laqghat tal-Kumitat, it-tnehhija tal-*platform* partikolari, jew kienx hemm biss id-decizjoni generali li taffetwa l-bankini kollha (ara d-deposizzjoni ta' Lorry Apap a fol. 97 u dik ta' Victor Cauchi a fol. 128). F'kull kaz, dana x-xoghol ta' "embellishment" beda qabel is-sajf ta' l-1997 izda sa Mejju tal-1998 ma kienx ghadu tlesta kollu. Fost il-ftit postijiet fejn il-bankini kienu ghadhom ma tlestewx kien hemm proprju dik il-parti fejn kien hemm il-*platform* in kwistjoni (ara d-deposizzjoni tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, fol. 103). Kien ghalhekk li kmieni nhar is-Sibt, 16 ta' Mejju, 1998 haddiema tal-Works Divison ta' Ghawdex, taht is-sorveljanza tal-*foreman* taghhom Lorry Apap, bdew biex inehhu il-*platform* in kwistjoni. Kif appena r-rikorrent sar jaf b'dan, huwa ppresenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni; il-Qorti ta' Ghawdex laqghet it-talba provvizorjament u x-xoghol fuq l-irrangar tal-bankina fejn qabel kien hemm il-*platform* waqaf ghal ftit granet. Meta in segwitu it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni giet michuda, ix-xoghol tkompla. Ir-rizultat hu li sat-3 ta' Gunju, 1998, meta xehdu l-parti l-kbira tax-xhieda f'din il-kawza, flok il-*platform* imkissra f'diversi postijiet u fi stat generali hazin li kien hemm qabel is-16 ta' Mejju, 1998 saret bankina pulita u aktar wiesgha mill-*platform* – dan kollu jidher car mir-ritratti esibiti a fol. 75. Ghandu jigi precizat ukoll li r-rikorrent xehed li hu qatt ma kien informa lix-Xlendi [and Marsalforn] Action Committee b'xi kawzi li kien hemm; hu jammetti wkoll li l-art fejn kien hemm il-*platform* kienet art pubblika u li hu kellu biss "encroachment" ghal imwejjed u siggijiet:

"L-Action Committee tax-Xlendi jien qatt ma kkomunikajt maghha biex ninfurmahom b'xi kwistjonijiet li talvolta seta' kien hemm, anzi li nghid li kien hemm, fuq l-istabbiliment in kwistjoni, u fuq il-platform. Il-platform hija mibnija mhux

fuq art tieghi izda fuq art li jien ghandi l-encroachment. L-encroachment li kelli kien ghall-imwejjed u ghas-siggijiet, mhux ghal platform. Il-kuntratt [**recte:** Fil-kuntratt], jew il-grant tal-encroachment, kien hemm kemm ghandi nhallas u kelli nhallas Lm170 fis-sena. Nafx li hemm zewg permessi, wiehed ghall-uzu tal-art u l-iehor [ghat-] tqeghid ta' mwejjed u siggijiet, jien nghid li dejjem lill-Lands mort inhallas, qatt ma mort inhallas lill-Pulizija ta' xi permessi. Jiena ma mortx ninforma lix-Xlendi Action Committee bil-kwistjonijiet li kien hemm fuq din il-platform ghaliex jiena kont mohhni mistrieh li galadarba kien hemm dak l-undertaking maghmul mill-Qorti [**recte:** fil-Qorti][2] hadd ma kien ser imiss lill-platform" (fol. 106-107).

Skond l-intimat Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, l-"encroachment" gie eventwalment terminat fuq parir legali li huwa ha minghad l-Avukat Generali (ara fol. 104).

**L-Ilment tar-rikorrent.**

**5**. Ir-rikorrent qed jilmenta li bit-tnehhija tal-*platform* fil-jum tas-Sibt, 16 ta' Mejju, 1998 gew lezi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u aktar precisament id-dritt ghall-presunzjoni ta' l-innocenza -- Artikoli 39(5) u 6(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament[3] -- u d-dritt ta' smiegh (xieraq) quddiem tribunal (jew qorti) imparzjali u indipendenti, u dan minhabba li sa dik il-gurnata kien ghad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali erba' kawzi tal-Pulizija (komparixxi a fol. 71 sa 74) li kienu b'xi mod jirreferu ghall-imsemmija *platform*. Ir-rikorrent ghamel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Frar, 1996 fl-ismijiet ***Charles Spiteri et. v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar.***

**6**. Fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 1998 l-allura Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, l-Avukat Dott. Anton Refalo,

---

[2] Mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u mill-Pulizija.

[3] Fit-talba fir-rikors promotur jissemmew biss is-subartikoli (1) tal-Artikoli 6 u 39; pero` l-presunzjoni ta' l-innocenza tissemma mir-rikorrent fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar.

fil-kors tad-deposizzjoni tieghu assuma r-responsabbilta` tal-fatti li sehhew fis-16 ta’ Mejju, 1998:

“Jien nghid bil-gurament tieghi u qed nassumi r-responsabbilta` ta’ dak li sar fis-16 ta’ Mejju ta’ din is-sena, li dak li sar sar mix-Xlendi Action Committee, pero` fuq inizjattiva tieghi. U fil-fatt ghalhekk la l-Avukat Generali, la il-Prim Ministru, la d-Direttur Generali Works Division, la l-Kummissarju tal-Pulizija jew il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, u lanqas ic-Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar ma ghandhom xejn x’jaqsmu ma’ dak li gara fis-16 ta’ Mejju ta’ din is-sena. Ic-Chairperson tax-Xlendi Action Committee hu [**recte:** u] Lawrence Apap kienu involuti pero` fuq direttivi kif hrigthom jiena”. (fol. 103).

Fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni hu evidenti li kemm l-intimat Avukat Generali kif ukoll l-intimat Onorevoli Prim Ministru – li fil-konfront taghhom, bhala fatt, ma gie allegat xejn fir-rikors promotur – ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bhala li ma humiex il-legittimi kontradittturi. Mill-provi, imbghad, ma jirrisulta assolutament xejn fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta. Kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors, la il-Pulizija u anqas il-Forzi Armati ma kienu b’xi mod, imqar l-aktar remot jew indirett, involuti fit-tnehhija tal-*platform* fis-16 ta’ Mejju, 1998. L-istess jista’ jinghad ghad-Direttur Generali Works Division. Kif fisser dana l-intimat meta xehed fit-3 ta’ Gunju, 1998 (fol. 100), il-haddiema involuti fit-tnehhija tal-*platform* ma kienux jaqghu taht il-gurisdizzjoni jew direzzjoni tieghu izda kienu jaqghu direttament taht id-direzzjoni ta’ l-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex. Kwantu ghall-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, din il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi li din la kienet direttament u anqas indirettament involuta fit-tnehhija tal-*platform*. Huwa veru li fuq ix-“Xlendi and Marsalform Action Committee” kien hemm rapprezentant ta’ l-imsemmija Awtorita` fil-persuna tal-Perit Ruben Abela. Dan, pero`, jidher li kien jattendi l-laqghat tal-Kumitat biss meta kien ikun mehtieg il-parir tieghu dwar jekk kienx hemm bzonn ta’ permessi tal-Awtorita` *o meno*, u kien jaghmel ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lid-

Development Control Commission f'dawk il-kazijiet fejn permess kien ikun mehtieg. Irrizulta mill-provi u bhala fatt li ghat-tip ta' xoghol ta' irrangar ta' bankini li kien gie deciz li jsir fix-Xlendi kollu ma kienx hemm bzonn ta' permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar (ara d-depozizzjoni ta' Mark Cini, fol. 98, 99). Fid-depozizzjoni tieghu ta' l-10 ta' Lulju, 1998 (fol. 156 sa 159) l-imsemmi Perit Abela fisser li hu la kien jaf bil-verbal tal-25 ta' Lulju, 1995 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni u anqas li kien hemm kawzi kriminali li kienu jikkoncernaw il-*platform* tal-konkos; hu kull ma kien jaf li kien hemm ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet il-kwistjoni dwar il-*canopy* (li kienet tnehhiet):

"Qed nigi muri d-dokument TD1[4] li jinsab a fol. 43 ta'l-atti. Nghid li dan id-dokument u l-kontenut tieghu din hija l-ewwel darba li qed narah. Dan id-dokument hadd qatt ma gibidli l-attenzjoni ghalih qabel...Ma nafx li kien hemm proceduri da parti tal-Pulizija, proceduri kriminali jigifieri, li kienu jirrigwardjaw il-platform tal-konkos quddiem l-istabbiliment in kwistjoni. Jien nerga' nghid li dwar il-platform in kwistjoni jien ma kontx naf u qatt ma sirt naf li kien hemm xi kwistjoni bejn sid l-istabbiliment u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Kull ma naf li kien hemm kwistjoni dwar il-canopy...Jien ghar-raba' darba nirrepeti li fuq platform tal-konkos jien ma niftakarx li qatt kien hemm kwistjoni. Jien il-kwistjoni li kien hemm niftakar li kienet fuq canopy." (fol. 157, 158).

*Inoltre*, mid-deposizzjonijiet kemm ta' Joseph Felice, Senior Enforcement Officer ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar (fol. 99 sa 100) kif ukoll ta' John Agius, Enforcement Manager (fol. 181 sa 184, 190 sa 191, u 194 sa 195) din il-Qorti hi sodisfatta li l-Enforcement Section ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar la talbet jew kienet b'xi mod komplici fl-operazzjoni ta' tnehhija tas-16 ta' Mejju, 1998 u anqas kienet taf li kienu ser isiru dawk ix-xogholijiet f'dik il-gurnata. Ghalhekk l-Awtorita` ta' l-Ippjanar b'ebda mod ma tista' titqies li ghamlet xi haga, jew li naqset milli taghmel xi haga li kellha l-obbligu li taghmel, li biha illediet, jew setghet illediet, xi drittijiet tar-rikorrent.

[4] Kopja tal-verbal tal-25 ta' Lulju, 1995 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni.

**<u>L-intimati Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, Chairperson Xlendi Action Committee u Lawrence Apap.</u>**

**7**. Direttament jew indirettament responsabbli ghat-tnehhija tal-*platform* kienu ghalhekk is-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, ic-Chairperson tax-“Xlendi [and Marsalforn] Action Committee” u l-*foreman* Lawrence Apap. It-tlieta li huma jichdu li kienu jafu bl-erba kawzi penali pendenti kontra r-rikorrent. Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, huma kienu hekk jafu, jista’ jinghad li b’dak li ghamlu huma kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u senjatament (i) id-dritt li fl-erba’ kawzi tal-pulizija li kien hemm pendenti kontra tieghu hu jkun prezunt innocenti sakemm jigi ppruvat li huwa hati, u (ii) d-dritt li jkollu smigh xieraq ta’ dawk l-erba’ akkuzi quddiem qorti imparzjali u indipendenti? Din il-Qorti hi tal-fehma li biex wiehed jaghti twegiba ghal din il-mistoqsija wiehed irid jara il-kaz <u>b’mod konkret</u> u <u>mhux fl-astratt</u>. Il-prezunzjoni ta’ l-innocenza timporta dak l-assjem ta’ regoli li tassigura li persuna li tkun akkuzata b’reat kriminali (bhalma kien ir-rikorrent bl-erba’ kawzi aktar ’l fuq imsemmija) ma tkun obbligata li tippova xejn, u li l-piz kollu tal-prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Forsi l-aktar espressjoni cara ta’ x’jinvolvi is-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll is-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) wiehed isibu fis-segwenti bran mehud mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ***Barbera`, Messegue’ and Jabardo v. Spain***:

“Paragraph 2 [of Article 6] embodies the principle of the presumption of innocence. It requires, *inter alia*, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosecution, and any doubt should benefit the accused. It also follows that it is for the prosecution to inform the accused of the case that will be made against him, so that he may prepare and present his defence

accordingly, and to adduce evidence sufficient to convict him" (A 146 para. 77 (1989)).

Jizdied jinghad li fil-ligi taghna l-prova li tressaq il-prosekuzzjoni trid tkun tali li tikkonvinci lill-gudikant mill-htija ta' l-akkuzat; fi kliem iehor, il-gudikant irid ikun moralment konvint, a bazi tal-provi li jitressqu fil-kawza, mill-htija ta' l-akkuzat. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-fatt li tnehhiet il-*platform* in kwistjoni jista' b'xi mod jeffettwa l-presunzjoni ta' l-innocenza tar-rikorrent fl-erba' kawzi kriminali li ghandu (jew li kellu) pendenti. L-unika parti li setghet giet pregudikata b'din it-tnehhija hija l-prosekuzzjoni – f'dan il-kaz il-Pulizija Ezekuttiva – peress li l-*corpus delicti* allegat minnha m'ghadux jezisti materjalment. Ma ngabet ebda prova – u anqas gie argumentat b'xi mod mill-abbili difensuri tieghu – kif it-tnehhija tal-platform effetwat, jew setghet teffetwa, <u>fil-kaz konkret</u> u negattivament lir-rikorrent fir-rigward ta' l-imsemmi dritt, *cioe`* id-dritt li quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali f'dawn l-erba' kawzi jigi prezunt innocenti ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu b'mod li jkun jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-htija tieghu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**8**. Kwantu ghad-dritt li r-rikorrent ikollu smigh xieraq ta' l-erba' akkuzi ta' reat kriminali quddiem qorti imparzjali u indipendenti, din il-Qorti wkoll ma tarax kif b'dak li ghamlu s-Segeratarju Parlamentari ghal Ghawdex, ic-Chairperson tax-Xlendi Action Committee u Lawrence Apap gie, jew seta' jigi, ippregudikat dana d-dritt. Indipendentement mit-tnehhija tal-*platform* u s-sostituzzjoni taghha b'bankina pulita u aktar wiesgha, il-kontestazzjoni tal-htija da parti tar-rikorrent baqghet pendenti quddiem qorti. Ir-rikorrent ma hux qed jallega li b'dak li sar, dik il-qorti – il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jew, eventwalment, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ma baqghetx aktar "imparzjali" u/jew "indipendenti"; qed jallega biss li l-imsemmija tlett intimati kellhom jistennew l-ezitu ta' dawk l-erba' kawzi qabel ma jnehhu l-*platform* u jissostitwuha kif inghad. F'dawk l-erba' kawzi, pero`, l-imsemmija tlett intimati ma kienux parti; il-kontestazzjoni <u>f'dawk l-erba' kawzi kriminali</u> ma tinvolvix, direttament jew

indirettament lilhom. Anqas mhu qed jigi kontestat f’dawk l-erba’ kawzi kriminali mir-rikorrent xi dritt reali jew dritt personali fuq il-*platform*; dak li hu qed jikkontesta, galadarba ma ammettiex l-akkuzi, hija l-htija penali tieghu. Ir-rikorrent qed jistrieh fuq is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali aktar ’l fuq imsemmija, u *cioe`* ***Charles Spiteri et. v. Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar***. Pero` jekk wiehed jaqra sew dik is-sentenza isib li l-qofol taghha kien is-segwenti bran:

“Il-Qorti m’ghandhiex dubbju li l-Awtorita` [ta’ l-Ippjanar] ghandha l-poter li tinforza l-ordni li tkun harget izda una volta li jkun hemm kontestazzjoni fil-Qorti jew persuna tkun tressqet il-Qorti fuq l-istess ordni, dak li jkun ghandu dritt li jkollu “a judicial determination of the charges brought against him” qabel ma tigi enforzata dik l-ordni, u l-Awtorita` ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza”.

Dana l-bran kien gie konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali ghax ma kienx hemm aggravju specifiku da parti ta’ l-appellant dwaru. Apparti dan, pero`, hu evidenti li f’dik il-kawza kellek bhala fatt zewg partijiet fuq naha (il-Pulizija Ezekuttiva direttament u l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar indirettament) u parti fuq naha ohra (Charles Spiteri) li qed jikkontendu dwar xi haga partikolari – bini minghajr permess jew mhux skond il-permess – u wahda minn dawk il-partijiet (l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar) iddecidiet “to short circuit” il-proceduri fil-qorti billi tipprocedi b’att ezekuttiv. Fil-kaz odjern, izda, s-sitwazzjoni hi ferm differenti: l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u l-Pulizija, li ghandhom interess indirett u dirett rispettivament fl-erba’ kawzi kriminali kontra r-rikorrent, ma kienu b’ebda mod involuti fit-tnehhija tal-*platform* fis-16 ta’ Mejju, 1998 u fil-granet ta’ wara; filwaqt li is-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, ic-Chairperson tax-Xlendi Action Committee u Lawrence Apap b’ebda mod ma jistghu jitqiesu li kienu “parti” fil-kawzi kriminali. Dawn l-ahhar tlieta kullma ghamlu kien li fuq art pubblika ghamlu xogholijiet ta’ “embellishment”, li kellhom kull dritt li jaghmlu, billi, fost affarijiet ohra nehhew il-*platform* tal-konkos li kien hemm quddiem l-istabbiliment tar-rikorrent u ghamlu minflokha bankina pulita u, kif inghad, aktar wiesa’ min dik li kien hemm qabel. Ebda dritt

tar-rikorrent ma jirrizulta li intmess fil-kors ta' dan ix-xoghol. B'dan ix-xoghol il-proceduri kriminali li ghalihom jirreferu l-komparixxi a fol. 71 sa 74 baqghu bla mittiefsa. Il-proprjetarju in assolut ta' art ma jistax jigi mizmum milli jaghmel xogholijiet fuq dik l-art semplicement ghax persuna ohra tigi akkuzata mill-Pulizija b'reat kriminali in konnessjoni ma' dik l-art (ez. bi vjolazzjoni ta' dik il-proprjeta`, jew li seraq minn fuq dik il-proprjeta`, jew li bena illegalment fuq dik il-proprjeta`).

**9**. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors billi (a) tillibera lill-intimati Avukat Generali u Onorevoli Prim-Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, u (b) tichad it-talbiet tar-rikorrent fir-rigward ta' l-intimati l-ohra kollha. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent."

**<u>Il L-APPELL</u>**

6. L-appellant ressaq diversi aggravji fil-konfront ta' din is-sentenza. Huwa talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tieghu billi tiddikjara li l-intimati bl-agir taghhom kisru l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u effettivatament kisru l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Huwa talab ukoll li din il-Qorti joghgobha taghti dawk il-provvedimenti u rimedji necessarji u opportuni.

7. L-intimati kollha, minbarra c-Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar, fir-risposta ta' l-appell taghhom, issottomettew li s-sentenza appellata kienet gusta u kellha tigi konfermata u l-appell kellu jigi respint a bazi ta' l-istess motivazzjoni migjuba fis-sentenza appellata.

8. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar irrispondiet li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma. Wara li tat xi spjegazzjonijiet fir-risposta ta' l-appell taghha, l-istess Awtorita` talbet li din l-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront ta' l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar u tichad it-talbiet li saru mill-appellant fil-konfront ta' l-istess Awtorita` billi dan kien infondat fil-fatt u fid-dritt.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Ezami ta' l-aggravju mressaq mill-appellant fil-konfront tas-sentenza appellata jindika li l-appellant qieghed jikkritika u jikkontesta l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-ewwel lok, fuq l-aspett ta' apprezzament ta' provi.

10. Kif rajna, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija kienu obbligaw ruhhom fl-atti ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, ezattament b'verbal tal-25 ta' Lulju 1995, li ma jnehhux il-pjattaforma in kwistjoni sakemm jintemmu l-proceduri msemmija fl-istess verbal. In vista ta' dak il-verbal, il-Qorti li kien qeghda tisma' l-proceduri tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kienet cahdet it-talba ghall-hrug ta' l-istess mandat. Jirrizulta wkoll illi fis-16 ta' Mejju 1998, meta kienu ghandhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali erba' (4) kawzi kriminali li kienu b'xi mod jirrigwardaw il-pjattaforma in kwistjoni, l-istess pjattaforma tnehhiet mix-Xlendi *Action Committee*, precizament b'inizjattiva tas-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex.

11. L-appellant qieghed jikkritika l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, meta irriteniet li kemm l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll il-Pulizija ma kienu bl-ebda mod involuti fit-tnehhija tal-pjattaforma in kwistjoni. Jikkritika wkoll il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li sabet li s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex kif ukoll ic-*Chairperson* tax-Xlendi *Action Committee* bl-ebda mod ma setghu jitqiesu li kienu "parti" fil-kawzi kriminali. L-appellant enfasizza li x-Xlendi *Action Committee*, ippresjedut mis-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, kien kompost minn diversi rapprezentanti fosthom dawk ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant ikkritika l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex kif ukoll ic-*Chairman* tax-Xlendi *Action Committee* ma kienux jafu bil-proceduri gudizzjarji li kienu ghadhom pendenti fil-konfront ta' l-appellant rigward il-pjattaforma li kien hemm quddiem l-istabbiliment ta' l-appellant. L-appellant sahaq li dawn il-

persuni kienu jafu b'dawn il-proceduri li kienu ghadhom pendenti billi fost ragunijiet ohra t-tnehhija tal-*canopy* kienet inghatat pubblicita` kbira fil-mezzi tax-xandir.

12. L-appellant qieghed jikkritika dawn il-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Huwa jimplika li dik il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, ghaliex skond l-istess appellant, ma jista jkun hemm l-ebda dubju li l-Awtoritajiet isservew bis-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex u x-Xlendi *Action Committee* biex jippruvaw jaharbu mill-obbligi li kienu assumew fil-konfront ta' l-appellant bl-imsemmi verbal tal-25 ta' Lulju, 1995.

13. Fi kliem iehor, l-appellant qieghed jistieden lil din il-Qorti biex tifli mill-gdid il-provi kollha akkwiziti fil-process u tasal ghal konkluzjoni differenti milli waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Verament, din il-Qorti ghandha s-setgha li taghmel dak li qieghed jistedinha taghmel l-appellant. Pero`, hija norma li tigi segwita minn din il-Qorti li hija ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'materja ta' apprezzament ta' provi. Ir-raguni principali ghaliex giet stabbilita din in-norma hija li l-ewwel Qorti normalment hija f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti li taghmel tali apprezzament tal-provi billi hija tkun gabret l-istess provi, semghet ix-xhieda jixhdu u setghet tosserva l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni li tkun giet ezercitata mill-Qorti ta' l-ewwel istanza fl-apprezzament tal-provi, din il-Qorti trid tkun konvinta li jkunu jirrikorru ragunijiet gravi serji u impellenti.

14. Din il-Qorti effettivament ezaminat akkuratament il-provi kollha li tressqu mill-partijiet u li huma akkwiziti fil-process. Hija waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tikkunsidra favorevolment il-kritika li qieghed jaghmel l-appellant ghall-mod kif l-ewwel Qorti apprezzat il-provi li tressqu quddiemha. In fatti din il-Qorti ma sabet ebda raguni gravi jew serja biex tinklinaha li tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament ta' dawn l-istess provi. Dan aktar u aktar meta fil-process hemm indikazzjonijiet li l-pjattaforma tal-*concrete* in kwistjoni kienet giet kostruwita b'mod abbuziv. Isegwi li

dan l-apsett ta’ l-aggravju ta’ l-appellant huwa infondat u ma jistax jintlaqa’ minn din il-Qorti.

15. L-aspett l-iehor ta’ l-aggravju ta’ l-appellant jikkoncerna l-pretensjoni tieghu li billi l-imsemmija pjattaforma tnehhiet qabel ma lahaq kien hemm “*a judicial determination of the charges brought against him*”, kien hemm da parti ta’ l-awtoritajiet abbuz ta’ poter. L-appellant jallega li meta dawn l-awtoritajiet intimati ma stennewx l-ezitu tal-kawzi u l-proceduri kriminali li kien hemm pendenti kontrih, huma, *cioe*` l-istess intimati, ipprivaw lill-appellant u kisru d-drittijiet fondamentali tieghu ghall-prezunzjoni ta’ l-innocenza u ghad-dritt ta’ smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti bi ksur ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Biex wasal ghal din il-pretensjoni l-appellant strah hafna fuq il-kawza fl-ismijiet “Charles Spiteri vs *Chairman* ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar” deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ Frar, 1996. L-Appellant ikkritika l-ewwel Onorabbli Qorti li iddistingwiet il-kaz odjern mill-kaz ta’ Charles Spiteri.

16. Ghalkemm ma jistax jigi michud li l-kaz ta’ Charles Spiteri ghandu xi somiljanza mal-kaz odjern, din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fil-parti konkludenti tas-sentenza taghha, u ezattament fejn hija iddistingwiet il-kaz ta’ Charles Spiteri mill-kaz odjern. Tikkondividi wkoll il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li bit-tnehhija tal-pjattaforma in kwistjoni u bis-sostituzzjoni taghha b’bankina pulita u aktar wiesa’ milli kien hemm qabel, ebda dritt fundamentali msemmi fir-rikors promotur ta’ l-appellant ma gie miksur. It-tnehhija ta’ l-imsemmija pjattaforma ma setghet bl-ebda mod taffettwa l-prezunzjoni ta’ l-innocenza ta’ l-appellant quddiem il-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u kif sewwa irrilevat l-ewwel Qorti, l-unika parti li setghet giet pregudikata b’dik it-tnehhija kienet il-prosekuzzjoni stess li iddistruggiet l-allegat *corpus delicti.* Lanqas ma gie pruvat mill-appellant li t-tnehhija ta’ l-imsemmija pjattaforma u s-sostituzzjoni taghha b’bankina msemmija ma seta’ b’xi mod jikser id-dritt fundamentali ta’ l-appellant ghas-smigh xieraq fl-erba’ (4) kawzi li kellu pendenti quddiem il-Qorti ta’ Gudikatura

Kriminali. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-argumentazzjoni li hemm fis-sentenza appellata u jidhrilha li ghandha tieqaf hawn a skans ta' ripetizzjonijiet inutili billi ma ghandha xejn ta' utilita` li tista' izzid mal-motivazzjoni tajba kontenuta fis-sentenza appellata.

17. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta' din l-istanza jkunu sopportati mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------